MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 58

27 ta' Diċembru 2023

Minuti tas-seduta Nru. 58 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 27 ta' Diċembru 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra s-Sindku D. Vella li kien qed jipparteċipa b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku:https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 57 tat-28 ta' Novembru 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Mellieħa Local Council - Mellieha (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.20.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ntalbu tliet stimi sabiex isiru żewġ *pilot holes* fl-art tal-*court,* li rriżultaw kif ġej:

| Kuntrattur | Spiża bil-VAT inkluża |
|---|---|
| Oscar & George Zarb | €4,484.00 |
| Joseph Farrugia | €3,516.40 |
| Intersteel Ltd | €2,950.00 |

2.1.3. Il-Kunsill qabel li x-xogħol jingħata lill-Intersteel Ltd

**2.2.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar f'inħawi Tad-Dahar u biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar (T/6/1/Vol IV)(A/3/Vol III)**

2.2.2. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u A. Brincat Stellini irreferew għall-minuta 5.12.1 tas-seduta preċedenti u għarfet li nhar il-Ħadd 3 ta' Diċembru 2023 tħawwlu sebgħin siġra pprovduti minn Ambjent Malta. Fl-attività pparteċipaw 35 membru mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, mgħejjuna mir-*rangers* ta' Ambjent Malta.

2.2.3. Il-Sinjura Bartolo Cutajar ipproponiet li inizjattiva simili ssir f'Żona Ċ għall-ikkampjar, biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar, fejn jista' isir tindif kif ukoll hemm lok li jitħawwlu 150 siġra. Hija ssuġġeriet li din l-attività issir nhar il-Ħadd 4 ta' Frar 2024 bejn it-8:30am u l-10:00am.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-inizjattiva skond il-minuta 2.2.3.

**2.3.1. Il-Villaġġ tal-Milied (A/5/6/3/Vol XVII)**

2.3.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.12. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li l-attivitajiet marbuta mal-aħħar jum tal-Villaġġ tal-Milied, is-17 ta' Diċembru 2023, kellhom jitħassru minħabba l-maltemp.

2.3.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-attività għat-tfal li kienet ser tkun parti mill-Villaġġ tal-Milied, issir xorta waħda fis-Sala Godfrey Wettinger fl-Iskola Primarja, nhar is-Sibt 6 ta' Jannar 2024. Hija kkummentat ukoll li fil-ħinijiet meta ma jkunx hemm il-personaġġi ħajjin fil-presepju, għandhom jitpoġġew *silhouettes* jew tpinġija tagħhom sabiex dan ma jkunx vojt.

2.3.4. Il-Kunsillier M. Abela ppropona li l-presepju għandu jitħalla armat sa l-Epifanija bħas-siġra tal-Milied u d-dwal dekorattivi.

2.3.5. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna li r-rigali miġjuba taħt is-siġra tal-Milied f'Misraħ il-Parroċċa, ġew ippreżentati lil mart il-Prim Ministru Dr L. Abela bħala l-kordinatriċi tal-inizjattiva "Rigal b'Imħabba". Huwa qal li għal din il-preżentazzjoni, flimkien miegħu attendew il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u A. Brincat Stellini.

**2.4.1. Ġbir tal-iskart domestiku fi Triq il-Mejjiesa (C/6/Vol VI)**

2.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li l-ġbir tal-iskart domestiku fil-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Mejjiesa mhux qed isir regolari, jew forsi qed jinħareġ tard, bil-periklu jattira l-ġrieden.

2.4.3. Ittieħdet nota tal-ilment bil-għan li tittieħed l-azzjoni meħtieġa.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Stat tas-siġar fit-Telgħa ta' Selmun (A/3/Vol III)**

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 5.19.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk kienitx ittieħed azzjoni dwar is-suġġett.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li saret rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, iżda għad ma kien hemm ebda rispons minn naħa tagħhom.

3.1.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibet l-attenzjoni li fl-istess post, kien hemm ġebel kbir li nġarr mill-ilmijiet u qiegħed qrib il-karreġġjata, tant li huwa perikoluż.

3.1.5. Ittieħdet nota sabiex l-każ jiġi mgħoddi lill-Infrastructure Malta.

### 3.2.1. Puġġaman fi Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/3/Vol IV)

3.2.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa li kien jinkludi wkoll Triq l-Inkurunazzjoni. Hija staqsiet dwar jekk dan jinkludix it-tqegħid ta' puġġaman matul naħa waħda ta' din it-triq u parti mit-taraġ, peress li l-ħajt li hemm huwa baxx.

3.2.3. Il-Kunsill qabel li dan it-tagħrif jinkiseb mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

### 3.3.1. Spazji għall-ipparkjar ta' muturi fi Triq il-Peprin (T/3/2/Vol XVI)

3.3.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar il-possibiltà li jidħlu aktar spazji għall-muturi fi Triq il-Peprin, minħabba d-domanda li teżisti għalihom f'din it-triq.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li huwa qabad dan is-suġġett mal-perit inkarigat, fi ħdan Infrastrucuture Malta, li minn naħa tiegħu ra li fejn ma jkunx hemm spażju biżżejjed biex joqgħodu vetturi normali, jiġu mmarkati spazji għall-muturi.

### 3.4.1. Spusstjar tal-*pedestrian crossing* fi Triq il-Wied u spazju għall-ipparkjar fi Triq Edward Camilleri (T/3/2/Vol XVI)

3.4.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa dwar il-possibilità li l-*pedestrian crossing* imsemmija titmexxa aktar 'l isfel fi Triq il-Wied, billi qiegħda qrib wisq il-kantuniera ma' Triq Edward Camilleri.

3.4.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg wieġeb li kemm-il darba tinżel aktar 'l isfel, ma tkun użata daqstant. Huwa qal li jeżistu tabelli u dwal biżżejjed biex is-sewwieqa jinġiebu konxji tagħha qabel jaslu magħha.

3.4.4. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li fi Triq Edward Camilleri, fil-parti bejn il-bar tal-Mellieħa Sports Club u l-bieb tal-kindergarten, hemm spazju biżżejjed fejn joqgħodu l-muturi.

3.4.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 3.4.4.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty-Cash* – 10/11/23 – 30/11/23;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 26/12/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/11/23 – 26/12/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Ftehim dwar it-triq tal-Ħofra, Triq l-Irdum Ta' Għajn Ħadid, u Triq il-Fortizza ta' Campbell (T/4/4/Vol II)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 5 ta' Diċembru 2023, fejn l-aġenzija Infrastrucuture Malta għarrfet li għandha l-intenzjoni li tasfalta mill-ġdid it-toroq imsemmija, permess ta' kofinanzjament ta' fondi Ewropej u nazzjonali. L-istess aġenzija għaddiet il-ftehim li jrid jiġi ffirmat mal-Kunsill, li fost kundizzjonijiet oħrajn dan jgħid li bl-implimentazzjoni ta' dawn it-tliet proġett m'għandux jiġi nterpretat li:

(i) Id-denominazzjoni tat-Toroq Rurali nbidlet b'riżultat tal-intervent li ser isir minn Infrastructure Malta;

(ii) It-Toroq Rurali msemmija ma jibqgħux fir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali;

(iii) Infrastructure Malta aċċettat kull responsabbiltà ta' kull tip għaż-żamma, it-tiswija u l-manutenzjoni; u

(iv) Infrastructure Malta aċċettat kwalunkwe responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tat-triq rurali, ix-xogħlijiet jew fir-rigward ta' kull materja li toħroġ minnhom, jew relatati mat-toroq imsemmija.

5.1.3. Il-Kunsill innota l-punti li sar aċċenna għalihom u awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-ftehim.

## 5.2.1. Jum il-Kunsill 2023 u s-sehem ta' tal-ex-Sindku Joseph Borg fil-Ġemellaġġ Mellieħa-Adenau (A5/3/1/Vol XXIV)(K/1/5/Vol IV)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono aċċenna għal ittra datata 5 ta' Diċembru 2023, mibgħuta mill-aħwa tal-ex-Sindku J. Borg li lmentaw illi ma kienux mistednin għas-serata ta' Jum il-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2023.

5.2.3. Inqara imejl datat 4 ta' Diċembru 2023 mibgħut mill-Kunsillier G. Micallef fejn aċċenna għaċ-ċerimonja li saret fit-2 ta' Diċembru 2023 meta sar il-kxif ta' plakka li tfakkar il-kontribut mogħti mill-ex-Sindku J. Borg sabiex seħħ il-ġemellaġġ Mellieha/Adenau. Peress li l-familjari ma kinux mistiedna jattendu għal din iċ-ċerimonja formalment, huwa appella sabiex issir apoloġija mill-Kunsill.

5.2.4. Is-Segretarju għarraf li sar kuntatt ma' wlied Joe Borg dwar l-ilmenti li saru, li minn naħa tagħhom aċċettaw din l-istedina u xtaqu li jiltaqgħu mal-Kunsill kollu. Ġie propost li jattendu din is-seduta, iżda kien hemm kien ser ikun imsiefer u allura tħalliet għas-seduta li jmiss.

5.2.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummenta li l-kommemorazzjoni tal-Ġemellaġġ Mellieħa/Adenau saret parti mis-serata ta' Jum il-Kunsill fil-15 ta' Diċembru 2022, meta ġew mistiedna l-ulied tal-ex-Sindku J. Borg. Huwa aċċenna wkoll illi l-lapida li ġiet mogħtija mis-Sindku ta' Adenau A. Hoffmann, biex tfakkar is-sehem tas-Sur J. Borg fil-ġemellaġġ Mellieħa/Adenau kellha titwaħħal fl-uffiċċju, iżda sabiex tingħata aktar viżibilità ġie deċiż li titwaħħa fi Ġnejnet il-Kunsill. Ikkummenta wkoll li ma jixtieqx li dan l-inċident itappan il-memorji sbieħ li huwa għandu tas-Sur J. Borg.

5.2.6. Saret referenza għal imejl datat 4 ta' Diċembru 2023, fejn l-Onor. Robert Cutajar talab li tissemmgħa triq għas-Sur Joseph Borg abbażi tal-merti tiegħu bħala Sindku.

5.2.7. Il-Kunsillier M. Abela staqsa dwar jekk il-Kunsill qattx ikkonsidra din il-proposta. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li Triq il-Mitħna l-Ġdida hija relattivament twila u l-parti ta' fuq tagħha, bejn Triq Edward Camilleri u Triq l-Għorgħar għandha tissemma għal Joseph Borg.

5.2.8. Il-Kunsill unanimament approva l-proposta skond il-minuta 5.2.7. u għaldaqstant talab li ssir rappreżentazzjoni f'dan ir-rigward mal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

## 5.3.1. PA 7247/23 – Bini ta' lukanda ta' 3 stilel fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Mons. Mose' Debono (P/5/8/G)

5.3.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' Novembru 2023, mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar rigward l-applikazzjoni msemmija. L-istess talba tinvolvi t-twaqqigħ ta' bini eżistenti b'faċċati fit-toroq imsemmija u bini ta' lukanda ta' tliet stilel (Klassi 3B), li jinkludi parkeġġ fil-kantina, mħażen, ħanut tax-xagħar, kaffetterija (Klassi 4C) u ristorant (Klassi 4D). Il-bini li ser jitwaqqa' jinsab f'Nru. 6, Triq Ġorġ Borg Olivier u Nru. 23, Triq Monsinjur Mose' Debono.

5.3.3. Il-Kunsill qies din il-proposta abbażi ta' lukandi u stabbilimenti oħra eżistenti li jservu l-ikel f'dan iċ-ċentru kummerċjali. Minkejja li l-Kunsill ma oġġezzjonax għall-iżvilupp propost *per se'*, dehrlu li hemm tliet fatturi li għandha tinġibed l-attenzjoni għalihom bħala parti mill-proċess ta' applikazzjoni, li huma:

(a) It-*turning circles* limitati li hemm quddiem l-aċċess minn/għall-garaxx propost fi Triq Monsinjur Mose' Debono;

(b) Ebda faċilitajiet ta' parkeġġ riservati fuq in-naħa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier m'għandhom jiġu allokati quddiem id-daħla prinċipali tal-lukanda proposta,; u

(c) L-impatt viżwali tal-iżvilupp li potenzjalment jista' ikun detrimentali għaż-żona minħabba t-topografija tagħha. Dan jirriżulta mill-ħitan tal-appoġġ esposti minħabba differenza sinifikanti fl-għoli tal-bini fil-madwar.

5.3.4. Il-Kunsill talab li l-punti mqajma għandhom jiġu komunikati lill-Awtorità tal-Ippjanar.

## 5.4.1. Ħlas mitlub mill-għalliema tal-*fitness classes* fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva (A/1/2/Vol VII)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Diċembru 2023, fejn waħda mill-għalliema fis-sessjonijiet imsemmija talbet żieda fir-rata tal-ħlas tagħhom minn €24.50 għal €30.00 fis-siegħa.

5.4.3. Il-Kunsill approva t-talba kemm għaliex iż-żieda mitluba hija raġġjonevoli u anke minħabba li l-anzjani draw jattendu dawn is-sessjonijiet mal-għalliema in kwistjoni.

## 5.5.1. Parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità fi Triq il-Fortizza (P/8/2/Vol IV)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Novembru 2023, fejn operatur ta' klinika dentali talab li ssir il-faċilità msemmija fi Triq il-Fortizza fil-parti li tiġi bejn Triq Ħalq iċ-Ċawl u Triq Ta' Fuq il-Migduma. L-ipparkjar ta' vetturi huwa pprojbit man-naħa tal-istess klinika u allura jista' isir biss faċċata.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li l-ispażju mitlub għandu jiġi allokat fi Triq Ta' Fuq il-Miġduma kantuniera ma' Triq il-Fortizza.

## 5.6.1. *Outdoor gym* fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fis-6 ta' Diċembru 2023 saret laqgħa mas-Sur Scott Schembri - diriġent mill-organizzazzjoni Bulletproof - li tippromwovi l-eżerċizzju fiżiku. L-intenzjoni tagħhom hija li jkun hemm spażju fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ fejn jitqiegħed tagħmir għal dan il-għan.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ m'hemmx spażju għall-iktar tagħmir. Il-Park tal-Familja fl-ewwel fażi hemm spazju li jista' jiġu wżat għal dan il-għan.

## 5.7.1. Laqgħa mal-Manikata Residents Association (T/3/2/Vol XVI)

5.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fl-14 ta' Diċembru 2023 saret laqgħa mas-Sinjuri J. Vella Petroni, M. Mattocks u Matthew Pace, mill-assoċjazzjoni msemmija. Għan-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku D. Vella, u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini, J. Gauci. Il-Kunsillieri R. Bartolo Cutajar u E. Bartolo pparteċipaw b'mod virtwali.

5.7.3. F'imejl li ntbagħtet l-għada tal-laqgħa aċċennaw li l-għola volum tat-traffiku li jgħaddi mill-Manikata ikun bejn is-6:00 u d-9:00am u bejn is-2:00 u s-7:00pm. L-assoċjazzjoni staqsiet dwar jekk huwiex legali li jittieħdu ritratti tan-numru tar-reġistrazzjoni ta' vetturi kbar bil-għan li jiġu mgħoddija lill-LESA u jittieħdu passi minn naħa tagħhom.

5.7.4. Intalab ukoll li apparti l-*pedestrian crossing* li diġa ġiet rakkomandata lill-Transport Malta, l-assoċjazzjoni qed titlob ukol li ssir oħra quddiem il-knisja l-qadima u oħra fi Triq il-Mejjiesa li tingħaqad mal-parkeġġ f'Misraħ il-Parroċċa. L-assoċjazzjoni qed tgħid li minn stħarriġ li sar

fuq il-media soċjali numru ta' residenti huma tal-fehma li dawn il-*pedestrian crossings* jagħtu aktar siġurtà lil min juża t-triq.

5.7.5. Sar aċċenn ukoll li l-assoċjazzjoni qed tipproponi li Triq il-Mellieħa tkun *one-way* lejn il-Manikata, filwaqt li t-triq tal-Miżieb tkun fid-direzzjoni opposta. Triq il-Knisja il-Qadima issir *one-way* 'l isfel, Triq il-Biedja tkun *two-way* minn Triq ir-Raħħala 'l barra, u Triq il-Manikata tkun *one-way* 'l isfel, Triq il-Wilġa tkun *one-way* lejn il-Manikata, filwaqt li Triq il-Kappella tal-Militar tkun *one-way* lejn Għajn Tuffieħa.

5.7.6. Il-Kunsill qabel li s-sistema proposta toħloq inkonvenjenzi kbar għaliex tinvolvi distanzi konsiderevoli biex wieħed imur minn post għall-ieħor.

5.7.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*pedestrian crossings* proposti huma meħtieġa u għandha ssir spezzjoni fuq il-post, flimkien ma' uffiċjal minn Transport Malta, sabiex jiġi stabbilit l-aħjar mod kif dawn jistgħu jipprovdu passaġġ sikur lejn / minn Misraħ il-Parroċċa.

5.7.8. Dwar l-infurzar tar-restrizzjoni fuq it-traġitt ta' vetturi kbar mill-Manikata ttieħed in konsiderazzjoni li minħabba nuqqas ta' riżorsi, mhux possibbli li jsir infurzar kontinwu. Għaldaqstant għandha tiġi mistħarġa l-possibiltà li jsir użu mill-camera eżistenti fit-triq ta' biswit Ġnien iż-Żerniq sabiex issir superviżjoni tat-traffiku li jkun għaddej, għallinqas fid-direzzjoni tal-Mellieħa.

5.7.9. Fl-istess laqgħa ġew diskussi suġġetti bħas-servizz tal-karozzi tal-linja, Ġnien iż-Żerniq, u nuqqas ta' dawl fi Triq l-Għelejjel.

## 5.8.1. Asfaltar mill-ġdid tal-parkeġġ fl-Armier (T/4/7/Vol III)

5.8.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li fit-22 ta' Diċembru 2023 saret laqgħa ta' kordinazzjoni fl-Armier, li għaliha attendew uffiċjali mill-Enemalta, il-kuntratturi assenjati x-xogħlijiet – Central Asphalt Ltd, u l-perit inkarigat f'ħdan Infrastructure Malta. Għan-naħa tal-Kunsill attenda is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono flimkien tal-Viċi Sindku J. Buttigieg.

5.8.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li mill-istess laqgħa rriżulta li l-proġett se jinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' dwal ġodda, kif ukoll saru proposti li sussegwentement ġew komunikati lill-Infrastructure Malta u lill-Enemalta, sabiex:

- l-uċuħ tal-konkos li hemm bejn it-triq u xatt-il baħar jiġu nklużi max-xogħlijiet, peress li dawn saritilhom ħafna ħsara bil-baħar;
- l-iskal jiġi mdawwal adekwatament;
- tiġi spussjata il-*bring-in site* għal post ieħor qrib il-kantuniera ma' Triq Ramlet il-Qortin;
- it-trinka ppjanata li ssir mill-Enemalta sservi wkoll biex tingħata provista tal-elettriku għas-sit tal-*caravans* fil-Qortin it-Twil, kif ukoll għaċ-*charging point* tal-vetturi li ppjanata li ssir fi Triq Ramlet il-Qortin faċċata tas-*substation* tal-Enemalta.

5.8.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 5.9.1. Livell ta' indafa fil-latrini pubbliċi (K/6/1/Vol VI)

5.9.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li fl-aħħar ġimgħat kien hemm diversi lmenti dwar l-istat tal-latrini, partikularment dik ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u tal-Bajja tal-Mixquqa. Hija qalet ukoll li minkejja l-pressjoni li saret fuq il-kuntrattur ftit li xejn sar biex tbiddlet is-sitwazzjoni.

5.9.3. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna li d-dawl tal-latrina f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa qed ta' spiss ikun maqtugħ. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li f'din il-latrina hija rrappurtat ukoll li kien hemm vit ta' sink imwaħħal u seat ta' W.C. nieqes.

5.9.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li għandha ssir aktar pressjoni biex in-nuqqasijiet li hemm jiġu rimedjati b'impjieg ta' persuna li tkun dedikata biss fuq dan is-servizz.

**5.10.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)**

5.10.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar proponiet li ssir il-faċilità msemmija, peress li teżisti domanda li qed tiżdied bin-numru ta' negozji li hemm bejn Triq il-Garżella u Misraħ tas-Salib.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha tiġi rrakkomandata lil Transport Malta bil-għan li tiġi mplimentata.

## 6.1. Tħejjijiet għall-kommemorazzjoni tal-ħmistax-il anniversarju tal-Ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

6.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li t-tliet għaqdiet mużikali wieġbu għas-sejħa li saritilhom biex jospitaw iċ-ċerimonja msemmija, u ntgħażlet bil-polza s-sala fis-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria. Skont l-arranġament miftiehem mal-istess għaqdiet, il-Banda La Vittoria ser tanima s-serata b'mużika minn kompożituri Maltin u Taljani. Huwa qal ukoll li qed jiġi ppreparat *feature* li ser jintwera waqt is-serata, li l-iscript u materjal ieħor qed tippreparaħ l-uffiċjal M. Gambin. Dan ser jitratta diversi avvenimenti li seħħew matul il-ħmistax-il sena. Huwa ppropona wkoll li jingħata riċeviment fis-sala t'isfel tas-soċjetà.

6.3. Il-Kunsill innota u approva t-tħejjijiet li qed isiru.

6.4. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li l-Banda La Vittoria żżur Cavriglia. Huwa fakkar li fiż-żjara illi saret mis-Sindku L. Degl'Innocenti o Sanni f'Settembru 2023, kienet saret stedina sabiex artist mill-Mellieħa jtellgħa xi xogħol tal-arti monumentali f'Cavriglia.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar, li tgħid:**

**"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;**

**Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fis-15 ta' Novembru 2023, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tas-17 ta' Novembru 2023, liema rapport ġie diskuss waqt laqgħa nformali tal-Kunsill li saret fit-23 ta' Novembru 2023; u**

**Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet; u**

**Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:**

- **Is-Sur Joseph Vella – Volontarjat u Filantropija;**

**filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":**

- **Is-Sinjura Christine Galea – Ħidma sfiqa fit-tmexxija taċ-Ċentru Anzjanità Attiva;**
- **Is-Sur Manuel Galea – Volontarjat fil-Parroċċa tal-Manikata;**
- **Is-Sur Vincent Parnis – Volontarjat fil-qasam artistiku;**

**Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":**

- **Is-Charles Cutajar – Servizz volontarju fi ħdan għaqda mużikali għal diversi snin;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fil-laqgħa tas-6 ta' Diċembru 2022, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ħamis 15 ta' Diċembru 2022, fil-Paradise Bay Hotel, fiċ-Ċirkewwa.". (A/5/3/1/Vol XVII)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier G. Micallef.

## 8.1. Proġett ta' tisbiħ fit-taraġ ta' Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li attwalment qed issir kordinazzjoni bejn Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex jitqiegħed *cable* bejn Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II u Misraħ il-Parroċċa biex ikun lest għal meta ssir *substation* ġdida. Kuntatti għaddejjin ukoll dwar il-bdil tal-*mains* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma. Għaddejjin kuntatti wkoll bejn l-entitajiet imsemmija sabiex ix-xogħol isir mill-kuntrattur appuntat mill-Kunsill. Billi ġew ikkuntattjati l-entitajiet kollha li jipprovdu s-servizzi utilitarji, ma jidhirx li hemm ħtieġa li jsiru xogħlijiet fuq servizzi oħra.

8.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

## 9.1. Ristrutturar fis-Segretarjat tal-Kunsill (P/7/1/Vol XVII)

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Jobsplus taw il-kunsens tagħhom sabiex isir użu mill-approvazzjoni diġa mogħtija mill-Jobsplus (ref: 392606) bil-għan li jiġi addottat proċess wieħed li jwassal għall-ingaġġ taż-żewġ uffiċjali nieqsa fi Skala 15. Fil-fatt diġa' intbagħtet lista ta' kandidati, kif ukoll kien hemm oħra li wieġbu għas-sejħa li saret fil-media soċjali. L-intervisti huma skedati għall-5 ta' Jannar 2024.

9.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf ukoll li ngħata l-permess mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex jinħolqu żewġ vakanzi fi Skala 13, li jimlew skont il-proċedura stabbilita fir-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Riżorsi Umani). Ġie spjegat li l-Bord ta' Intervisti jeħtieġ *job description* u jsiru l-intervisti tat-tliet membri tal-istaff tal-Kunsill li huma eliġibbli.

9.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li jeħtieġ li l-ipproċessar tas-sejħiet għall-offerti jiġi nkluż f'xi *job description* jew inkella jiġi kkuntrattat, sabiex tonqos il-pressjoni fuq is-Segretarju Eżekuttiv minn dan l-aspett.

9.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet, kif ukoll il-proposta skond il-minuta 9.3.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 26 ta' Diċembru 2023.

10.3. Tresqet skeda ta' infieq permezz tal-*petty-cash* li tkopri bejn l-10 u t-30 ta' Novembru 2023.

10.4. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Novembru u s-26 ta' Diċembru 2023.

10.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fit-08:25 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' Jannar 2024 fil-5:30 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**